**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 15 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru 67/2017**

**Al James Turnbull**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta sive Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Al James Turnbull** fl-1 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu qieghed jattakka decizjoni tal-Awtorita` intimata tat-3 ta' Novembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf li l-istess Awtorita` kienet qieghda tirrifjuta li tohroglu l-permess ta' xufier ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan stante li kien instab hati mill-Qrati ta' Malta ta' reati li jgorru maghhom piena ta' iktar minn tliet xhr prigunerija jew multa ta' iktar minn erba' mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87) u wkoll instab hati ta' reati relatati mar-regolamenti tat-traffiku jew tat-trasport stradali.

Ra illi l-Awtorita` intimata giet notifikata bir-rikors promutur fil-11 ta' Dicembru 2017 u pprezentat ir-risposta taghha fit-8 ta' Jannar 2018. Dan ifisser li l-istess rispsosta giet ipprezentata oltra t-terminu ta' ghoxrin gurnata preskritt mil-ligi.

Ra illi d-difensur tar-rikorrent talab l-isfilz tal-istess risposta;

Sema' t-trattazzjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar il-kontumacja tal-Awtorita` intimata;

**Ikkunsidra:**

Illi din is-sentenza titratta dwar jekk l-Awtorita` intimata ghandhiex gustifikazzjoni o meno ghaliex ma ressqitx ir-risposta taghha fit-terminu indikat fil-ligi. Illi l-gustifikazzjoni offruta mid-difensur tal-Awtorita` intimata hu illi meta hija iccekkjat mas-sistema tal-informatika tal-Qrati, ir-rikors promutur kien qieghed jindika li ghadu "pending". Illi madankollu jirrizulta li ladarba hija ccekjat fuq ir-rikors dan ifisser illi l-istess Awtorita` intimata kient konxja tieghu ghaliex kienet ircevietu. Illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta jibda ghaddej minn meta wiehed jircievi r-rikors promutur u s-sistema tal-informatika tal-Qorti, ghalkemm siewja, ma tistghax isservi biex wiehed iserrah fuqha biex jivverifika d-data ta' meta gie notifikat att ladarba wiehed ikun konxju li fil-fatt l-att gudizzjarju gie ricevut. Mir-riferta relattiva ta' meta gie notifikat ir-rikors promutur jirrizulta wkoll illi l-istess riferta saret mill-Marixxall fil-15 ta' Dicembru 2017, igifieri erbat ijiem wara li saret in-notifika lill-Awtorita` intimata. Kwindi certament jekk wiehed kellu forsi xi dubju meta giet notifikata l-Awtorita` intimata seta' facilment jivverifika mar-riferta inserita fil-process.

Illi biex tigi gustifikata l-kontumacja ta' parti trid tintwera cirkostanza ta' impediment invincibbli li minhabba fih dik il-persuna tkun mizmuma milli tikkomunika mal-avukat taghha. Fil-kaz odjern jirrizulta illi r-rikors promutur ghadda minghand l-Awtorita` intimata ghand il-konsulent legali taghha. Sta ghall-Awtorita` intimata li zzomm id-data preciza meta giet notifikata bir-rikors promutur u li tavza lill-konsulent legali taghha bl-istess data halli r-risposta tkun tista' tigi pprezentata fit-terminu. Jidher li f'dan il-kaz dan ma sarx u r-raguni li nghatat ghala dan ma sarx mhix raguni gustifikata.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib l-ebda lok li jiggustifika l-kontumacja tal-Awtorita` intimata u jordna l-isfilz tar-risposta taghha ipprezentata fit-8 ta' Jannar 2018.

Spejjez ta' din is-sentenza ikunu a karigu tal-Awtorita' intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**